MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 417/2007

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali**
**-vs-**
**NCT International Trading Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**Rat ir-rikors guramentat tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali li permezz tieghu jesponi u jikkonferma:**

Illi fil-21 ta' Mejju 2003 din l-Onorabbli Qorti akkordat ir-rikors ta' Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' Her Majesty's Stationery Office ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 725/2003 li gie dekretat b'mod definittiv kontra l-intimati;

Illi fl-ezekuzzjoni ta' tali mandat ta' inibizzjoni, s-socjeta' NCT Internatioanl Trading Limited giet inibita milli tipproduci b'mod dirett jew indirett, b'kull mezz, forma jew ghamla, ix-xogholijiet artistici konsistenti fl-Admiralty Charts kollha ndikati fl-elenku mmarkat bhala Dok. CR1/2 fl-atti ta' l-istess mandat, u li tiddistribwixxi bi kwalunkwe mezz, ghamla jew forma materjali riproduzzjonijiet illeciti tax-xogholijiet artistici konsistenti fl-Admiralty Charts indikati fl-elenku mmarkat bhala Dok. CR1/2, inkluz id-distribuzzjoni tal-prodotti maghrufa bhala NaviChart Vectorised Sea Charts tramite l-website www.navichart.com u/jew tramite mezzi ohra ta' kwalunkwe forma jew ghamla;

Illi nonostante l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni surriferit, b'disprezz ta' l-Ordni ta' din l-Onorabbli Qorti, s-socjeta' intimata xorta wahda baqghet tagixxi b'mod abusiv u kontra dak li giet projbita milli taghmel bis-sahha tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni. Fost l-agir kommess, fl-24 ta' Mejju 2003 is-socjeta' intimata ddistribwiet lill-United Kingdom Hydrographic Office, Compact Disk li kien jikkontjeni licenzja mgedda sas-27 ta' Mejju 2004 biex tippermetti r-riproduzzjoni go sistema tal-komjuter tal-mapep u sea charts li kienu jikkostitwixxu l-prodotti li kienet qed tbigh u tiddistribwixxi s-socjeta' intimata tramite l-website taghha www.navichart.com. Din l-ordni giet mibghuta wara li kienet saret talba mill-United Kingdom Hydrographic Office fid-19 ta' Mejju 2003 sabiex iggedded licenzja li kienet giet akkwistata minnha fl-14 ta' Mejju 2002 u li kienet ser tiskadi fil-21 ta' Mejju 2003. Jirrizulta wkoll illi sar bejgh tal-istess prodotti ossia mapep, din id-darba tramite website ohra, bl-isem www.ebay.de kif jirrizulta mill-affidavit ta' Christopher Rickard;

Illi permezz ta' rikors ipprezentat fil-15 ta' Lulju 2003 l-imsemmi Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju ghan-nom u in rappresentanza ta' Her Majesty's Stationery Office gab ghal konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti dana kollu u talab li din l-Onorabbli Qorti tordna li jinbdew kontra l-intimati proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita taghha tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12;

Illi b'digriet tal-21 ta' Lulju 2003 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti;

Illi ghalhekk qieghdha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Issib lill-intimati NCT International Trading Limited hatja ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-temini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta' intimata ghall-pieni preskritii mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata li minn issa rapprezentanti taghha huwa ngunt in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista' jigi mgieghel biex iwiegeb ghall-akkuzi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

**Rat ir-risposta guramentata ta' l-Avukat Dr Kai Jochinsen fil-kwalita' tieghu ta' Mandatarju Specjali ta' NCT International Trading Ltd. a fol. 36-37 tal-process li permezz taghha espona:**

1. Illi preliminarjament, mhux minnu li s-socjeta' esponenti agixxiet b'mod abbuziv u kontra dak li kienet giet abbuziv u kontra dak li kienet giet ipprojbita milli taghmel bis-sahha tal-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 725/2003 tant illi l-istess socjeta' esponenti kienet waqfet immedjatament milli tkompli tiddistribwixxi l-prodott NaviChart nonostante li dejjem u fil-fatt ghadha ssostni li tali produzzjoni hija ghal kollox legittima kontrarjament ghal dak allegat mill-*Her Majesty's Stationery Office*;

2. Illi in ogni caso, is-socjeta' esponenti qatt ma pproduciet il-prodott NaviChart izda kienet biss responsabbli ghad-distribuzzjoni tal-istess;

3. Illi minghajr pregudizzju u b’kull rispett, is-socjeta’ esponenti ma tistax tifhem kif tista’ tinzamm responsabbli ghal socjeta’ ohra estera, ossia Trasmida.S.A li kif jinghad fir-rikors promutur datat 15 ta’ Lulju 2003, jirrizulta li hija appuntu registrata fil-Guatamala;

4. Illi di piu’, ukoll minghajr pregudizzju u b’kull rispett, is-socjeta’ esponenti ma tistax tifhem kif tista’ tinzamm responsabbli ghal bejgh tal-prodott NaviChart minn *web-site* bl-isem www.ebay.de u/jew minn *web-site* bl-isem www.navichart.com kif jinghad fir-rikors promutur odjern, meta s-socjeta’ esponenti kienet waqfet ghal kollox in-negozju gestit minnha li kien specifikament jikkonsisti fid-distribuzzjoni tal-prodott *de quo*;

5. Illi dunque s-socjeta’ intimata ma tistax tinstab hatja ta’ disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 bil-konsegwenza li ma tezisti l-ebda bazi sabiex tkun ikkundannata ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII de quo, u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa ngunt in subizzjoni.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi f’dina l-kawza ttiehdu passi ghall-disprezz kontra l-intimati billi nonostante il-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 725/2003 kontra taghhom huma baqghu jagixxu b’mod abusiv u kontra l-ordni tal-Qorti.

Illi preliminarjament l-intimati fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom issottomettew li ma giet prodotta ebda kopja legali jew informali mill-atti rilevanti tal-mandat ta’ inibizzjoni 725/2003 ghalhekk minghajr dina l-kopja ma

jistax jitqies li saret il-prova ta' x'kienet inibita milli taghmel is-socjeta' intimata.

Illi din il-Qorti tirrileva li kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Cutajar vs Ciappara tat-3 ta' Ottubru 2008** « Trattandosi ta' atti ta' dawn il-Qrati, mhux daqshekk essenzjali li jigu ezibiti kopji ta' atti ufficjali, ghax kull Qorti tista' tqis u tikkunsidra l-atti tal-Qrati b'kompetenza civili minghajr htiega li kopja ta' dawn l-atti jigu formalment ezbiti"

Illi skond il-premessi tal-citazzjoni (li gew verifikati mill-Qorti) hemm imnizzel li fl-ezekuzzjoni ta' tali mandat ta' inibizzjoni, s-socjeta' NCT International Trading Limited giet inibita milli tipproduci b'mod dirett jew indirett, b'kull mezz, forma jew ghamla, ix-xogholijiet artistici konsistenti fl-Admiralty Charts kollha ndikati fl-elenku mmarkat bhala Dok. CR1/2 fl-atti ta' l-istess mandat, u li tiddistribwixxi bi kwalunkwe mezz, ghamla jew forma materjali riproduzzjonijiet illeciti tax-xogholijiet artistici konsistenti fl-Admiralty Charts indikati fl-elenku mmarkat bhala Dok.CR1/2, inkluz id-distribuzzjoni tal-prodotti maghrufa bhala NaviChart Vectorised Sea Charts tramite l-website www.navichart.com u/jew tramite mezzi ohra ta' kwalunkwe forma jew ghamla.

Illi dana kollu gie rikonoxxut mill-istess Andre' Cauchi, manager ta' NCT International Trading Ltd. fix-xhieda tieghu meta xehed li kien gie inibit mill-Qorti u li kien obda tali ordni u kien infurma lid-Direttur b'dan fil-Germanija. Inoltre fl-eccezzjonijiet tieghu hu jirrikonoxxi li kien gie inibit u jafferma li mhux minnu li s-socjeta' intimata agixxiet b'mod abbuziv u kontra dak li kienet giet ipprojbita milli taghmel bis-sahha tal-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 725/2003 tant illi l-istess socjeta' esponenti kienet waqfet immedjatament milli tkompli tiddistribwixxi l-prodott NaviChart.

Illi bhala prova ta' dak li qed jigi allegat ir-rikorrent ressaq lill Christopher Rickard, *copyright officer*, awtorizzat minn Her Majesty's Stationery Office, li pprezenta affidavit fejn ikkonferma u ressaq provi anke dokumentarji li ghalkemm

kien inhareg il-mandat ta' inibizzjoni imsemmi kontra l-intimati dawn baqghu ghaddejin u ma obdewx l-ordni tal-Qorti tal 21 ta' Mejju 2003. Huwa jsemmi diversi fatti li skondhu juru li fil-fatt l-intimati kisru l-ordni tal-Qorti. Hu jsemmi s-segwenti :

Fit 30 ta' Mejju 2003 il-United Kingdom Hydrografic Office rceva minghand NCT, CD bir-renewal licence effettiva sal 27 ta' Mejju 2004 ghan Navichart product. (Dok CR 2, ara fol 1-9). Hu jghid li fil 24 ta' Mejju 2003 (meta l-intimati diga kienu inibiti) baghtu lill UKHO, *compact disk* li kien fih il-licenzja mgedda biex tippermetti r-riproduzzjoni go sistema tal-kompjuter ta' mapep u sea charts li proprjament kienu l-prodott li s-socjeta intimata kienet qed tbiegh mill- *web site* taghha www.navichart.com.

Fit-8 ta' Gunju 2003 kien sar bejgh ta' prodott tan Navichart mill-www.ebay.de (Dok CR2 ; ara fol 10-13). Il-feedback tax-xerrej fuq dana n-negozju jwassal sa ghand l-intimati (ara fol 12 u 13 ta' l-istess dokument).

Fis-16th June 2003 – saru Offers for Sale of Seacharts and the Navichart programm. Navichart ghalhekk kompliet toffri ghall-bejgh prodotti tan-Navichart. (Dok CR2 fol 14-15).

Fil 25th June 2003 – kien hemm display of chart Images derived from Admiralty Charts by NCT (Dok CR2 ; ara fol 16-19).

Fis- 26th June 2003 – l-intimati NCT bdew juzaw l-isem ta' kumpanija ohra Trasmida S.A. biex joperaw nonostante l-mandat. (ara dok CR 2 : a fol 20-21 ; 22-24 ; 25-33). Skond Rickard kull ftehim li kien qed isir ma kienx isir ma' Trasmida S.A. imma n-negozju kien ikun bejn NCT u l-kljent u Trasmida S.A. ma tissemmiex. ( ara fol 34-42). Dwar is-site www.trasmida.com Rickard xehed li kienu saru ricerki estensivi u rrizultalhom li : « Sections of the site were identical to those shown at www.navichart.com. (ara fol 43-48). The bank account quoted in the site is the same as that for NCT on the www.navichart.com. Transmida is not involved in the offer

of worldwide charts as indicated at the website www.navichart.com and www.trasmida.com. Skond ix-xhud The site Trasmida.com was introduced shortly after the grant of the injunction and appears to be a device intended to enable the principals of NCT and its parent organizations to continue to breach the copyright in the specified nautical charts owned by claimant ». (fol 49-73).

Il-Qorti tirrileva li x-xhud Richard xehed fit-tul bl-affidavit u ezebixxa d-dokumenti biex jissostanzja dak li allega. Hu ma giex kontroezaminat. Xhud ma jistax ghalhekk ma jigix kontroezaminat, kif gara f'dan il-kaz, imbaghad jigi attakkat li hu qed jaghti biss opinjonijiet u jaghmel kongetturi minghajr ma dana jinghata dritt ghal risposta jew gustifikazzjoni ghal kontestazzjoni li qed issiru. (Ara Busutill vs Water Services Corporation App Inf. 12 ta' Jannar 2005).

Fin-nota' ta' ecccezzjonijiet taghhom l-intimati wiegbu wkoll li is-socjeta' eccipjenti qatt ma pproduciet il-prodott NaviChart izda kienet biss responsabbli ghad-distribuzzjoni ta' l-istess. F'dan ir-rigward dina l-Qorti tirrileva li l-inibizzjoni kienet ukoll ordnata biex l-intimati ma jiddistribwux bi kwalunkwe mezz il-prodotti li gew inibiti u dina l-inibizzjoni kienet effettiva appena l-mandat gie esegwit. Ghalhekk kwalunkwe negozju li sar wara d-degriet tal 21 ta' Mejju 2003 kien jikser l-ordni tal-Qorti.

Fil-fehma ta' dina l-Qorti gie pruvat sodisfacentement mir-rikorrent li wara li nhareg il-mandat ta' inibizzjoni l-intimati komplew joperaw u jbieghu u jiddistribwixxu l-prodotti taghhom fis-suq permezz tal-web site taghhom u anke permezz ta' kumpanija ohra fuq web-site iehor li ghalkemm kien igib isem differenti min tal-intimati effettivament kienu essenzjalment l-istess intimati li qed jinnegozjaw nonostante l-inibizzjoni tal-Qorti. Ir-rikorrent gab prova konvincenti li l-prodott li kien jidher fuq is-sites u li gie downloaded u anke mibjugh minn fuq dawn is-sites wara l-21 ta' Mejju 2003 kien l-istess wiehed li gie projibit b'ordni tal-Qorti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi ;
Il-Qorti tiddeciedi billi
Issib lill-intimati NCT International Trading Limited hatja ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-temini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12;
Rat l-artikolu 997 u tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;
Tikkundannaha lill-intimati multa ta' elf mija u hamsa u sittin Euro (€1165) ;
Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------